

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0046/08

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Raül Romeva i Rueda, Angelika Beer u Hiltrud Breyer f'isem il-Grupp Verts/ALE, Ana Maria Gomes f'isem il-Grupp PSE, Renate Weber f'isem il-Grupp ALDE, Feleknas Uca f'isem il-Grupp GUE/NGL, Piia-Noora Kauppi u Jana Hybášková f'isem il-Grupp PPE-DE, Ġirts Valdis Kristovskis f'isem il-Grupp UEN

lill-Kummissjoni

Suġġett: Ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-UNSC - l-irwol tas-sessi fil-bini tal-paċi - implimentazzjoni fil-livell ta' l-UE

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) 1325, adottata unanimament fil-31 ta' Ottubru 2000, hija l-ewwel riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà li tindirizza speċifikament l-impatt tal-gwerer fuq in-nisa u l-kontribut tan-nisa għas-soluzzjoni ta' kunflitti u għall-paċi sostenibbli. Ir-riżoluzzjoni tappella biex jiġu kkunsidrati l-ħtiġiet speċifiċi tan-nisa f'sitwazzjonijiet li jsegwu konflitti u għal rappreżentanza akbar tan-nisa fil-livelli kolha tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Wieħed mill-mezzi l-aktar effettivi biex l-oġettivi tal-UNSCR 1325 jinbidlu f'realtà huwa l-ħolqien tal-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs).

Il-Kummissjoni għandha rwol ewlieni fl-UE fil-kuntest tal-bini tal-paċi u tal-prevenzjoni ta' kunflitti għal-żmien twil. Madankollu, għalkemm is-sena li għaddiet hija adottat Komunikazzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiŝiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp, m'għandha l-ebda Komunikazzjoni speċifika rigward il-kwistjonijiet tas-sessi fil-kuntest tal-bini tal-paċi u tal-prevenzjoni tal-kunflitti.

1. Meta sejra l-Kummissjoni tippjana biex tindirizza din il-kwistjoni u biex issawwar Komunikazzjoni li tindirizza b'mod speċifiku l-kwistjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u tat-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-bini tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti?
2. Għandha pjani l-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan ta' azzjoni fil-ħidma tagħha għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inklużi indikaturi u kriterji ta' refrenza ċari?

Tressiq: 18.04.2008

Mibgħuta: 21.04.2008

Skadenza: 28.04.2008